**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN U GĦOXRIN**

**30 ta' JANNAR, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**22.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

22.1.1 Fir-rigward ta' punt 21.5.1 il-membru Joseph Caruana qal li hu ma jaqbilx li jsir *patching* fit-triq imsemmija għax din tinsab bla wiċċ u minħabba l-fatt li l-ħofra li hemm qed isservi biex l-ilma tax-xita jibqa' fiha u ma jidħolx fl-għelieqi tal-viċin.

Kien hemm qbil mill-kumplament tal-membri li ġaladarba l-Kumitat Amministrattiv meta naddaf fit-triq imsemmija ħoloq inkonvenjent, tali inkonvenjent għandu jiġi msewwi.

Kien hemm qbil li l-membri jiddeċiedu wara li jmorru fuq il-post, jekk tali ħofra tinteliex b'terrapien u titballat jew issir bil-*patch* ta' tarmak.

Il-membru Joseph Caruana qal li hu jiddisassoċja ruħu mill-każ.

22.1.2 Fir-rigward ta' punt 21.7.2 inġibdet l-attenzjoni li meta l-Kumitat Amministrattiv kien irrapporta l-każ lill-ispettur tal-pulizija, t-tapit u terrapin li kienu qed iservu ta' dorga għall-

ilma fi Triq Bubaqra, ġew imneħija, imma hekk kif tagħmel ix-xita s-sid qed jerġa kull darba jagħmel dan l-inkonvenjent. F'dak il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv irrappurtat il-każ fl-għassa tal-pulizija.

Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-ispettur fejn il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jżommu responsabbli għal kull inċident li jista jinqala meta jkun hemm dan l-inkonvenjent.

22.1.3 Fir-rigward ta' punt 21.7.3, iċ-Chairperson qal li l-*yellow lines* saru u hu ċempel kemm –il darba lit-TM biex isiru l-*parking bays* imwegħda fi Triq San Martin.

Inġibdet l-attenzjoni li l-arblu bil-bozza li hemm fl-akwata għadha ma tixgħelx.

Kien hemm qbil li jiġu ordnati żewġ tabelli oħra tal-*one way* minħabba li t-tnejn li saru m'humiex biżżejjed għall-akwata u dawk li saru għandhom jittellgħu aktar 'l fuq għax jinsabu fil-baxx.

22.1.3 Il-minuti tas-seduta numru 21 ġew approvati.

***22.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

22.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fir-rigward tal-ilment li l-Kumitat irċieva llum minn resident fi Triq Fra Gammari Zammit, kien hemm qbil li hekk kif ikunu preżentati r-ritratti li jindikaw fejn hemm bżonn li jsiru l-yellow lines, tintbagħat email għall-approvazzjoni tat-TM.

***22.3 Xogħlijiet pendenti***

22.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li nnota dawn l-ilmenti li għadhom pendenti:

- Resident ilmenta li fi Triq it-Tin quddiem il-garaxxijiet tiegħu hemm bżonn li jsir yellow line għax nies li jmorru jixtru mill-ħwienet tal-viċin qed jostakolawlu l-garaxx tiegħu.

Kien hemm qbil li tinkiteb email lir-resident li l-Kumitat Amministrattiv mhux jagħmel linji quddiem garaxxijiet imma l-każ jista jiġi rrappurtat l-għassa.

- Resident ieħor ilmenta li għandu bżonn mera għax mill-garaxx ma jkunx jista jara jekk tkunx ġejja xi vettura.

Kien hemm qbil li l-ilment hu validu u li l-mera tiġi ordnata.

Kien hemm qbil ukoll li tabella tal-*one way* li tinsab f'Misraħ Santa Marija tinsab bla użu għax imdawra, għalhekk tinqala u titwaħħal fejn hemm bżonn.

22.3.2 Il-membru Annetto Bugeja ġibed l-attenzjoni fuq il-plot vojt li hemm fi Triq Santa Fawstina biex terġa tintbagħat *reminder* għax il-plot għada maħmuġa. Kien hemm qbil fuq dan.

22.3.3 Il-membru Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li tintbagħat *reminder* fuq il-ħofor li tħallew mikxufa fi Triq Fortunato Dalli k/m Vjal l-Indipendenza wara li nqalgħu t-tabelli tat-toroq li saru mit-TM, sadanittant jekk ikun ġej il-kuntrattur tal-patching ngħidulu jagħmilhom hu.

***22.4 Ilmenti***

22.4.1 Il-Membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li fil-kantuniera bejn Vjal l-Indipendenza u Triq Fortunato Dalli fil-parti t'isfel issir bankina għaliex bħalissa tinsab nieqsa.

Kien hemm qbil fuq dan.

22.4.2 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li jintbagħtu rapporti fuq ix-xogħlijiet ta' *patching* li qed isiru kemm mill-Kuntrattur tal-Kunsill (Ell's) u kemm mill-kuntratturi approvati mit-TM, fir-rigward ta' *cold asfalt u hot asfalt*.

22.4.3 Il-membru Joseph Caruana qal li saret trinka fi Triq Fra Gammari Zammit u ma sarx il-manutenzjoni tagħha. Kien hemm qbil li jiġi ċċekjat ta' min kien ix-xogħol u wara jiġi rrappurtat il-każ.

22.4.4 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li kellha kummenti sbieħ mir-residenti ta' Triq il-Luq fuq ix-xogħol li sar u rringrazzjaw lill-Kumitat Amministrattiv.

***22.5 Appuntament għas-seduta li jmiss***

22.5.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

22.5.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fis-6.40 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Frar, 2012.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**